# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 19 ta' Lulju 2019**

**Numru 2**

**Rikors numru 1110/09 AE**

**Dr. Frank Portelli M.D., FRDC**

**v.**

**Dr Josella Farrugia fil-kapaċità tagħha ta' President tal-Kunsill Mediku u in rappreżentanza tal-istess u fid-9 ta' Frar 2012 l-avukatessa Dr Ilona Debono assumiet l-atti bħala l-President tal-Kunsill Mediku; il-Prim Ministru, l-Avukat Ġenerali u l-Ministru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità ġja Ministru għall-Politika Soċjali u Responsabbli għas-Saħħa**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell imressaq mill-Kunsill Mediku intimat flimkien ma' appell inċidentali mressaq mill-attur minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' April, 2014, (minn issa 'l hemm imsejħa "s-sentenza appellata") fil-kawża fl-ismijiet premessi li biha u għar-

raġunijiet hemm imfissra, laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati Prim Ministru, Avukat Ġenerali u Ministru tas-Saħħa, l-Anzjani u l-Kura fil-Komunità u ħelsithom milli jibqgħu fil-kawża bi spejjeż għall-attur; sabet li l-Kunsill Mediku naqas li jtemm inkjesta fil-konfront tal-attur fi żmien sentejn kif irid l-artikolu 31(4) tal-Kapitolu 464 tal-Liġijiet ta' Malta[1], u għalhekk meta l-Kunsill ta d-deċiżjoni tiegħu fl-1 ta' Lulju, 2009, dan kien *ultra vires* is-setgħat tiegħu li, dwar l-istess inkjesta, ntemmu hekk kif għaddew is-sentejn prefissi mil-liġi; ċaħdet l-eċċezzjonijiet imressqa mill-Kunsill Mediku safejn jirreferu għal dak l-ilment mill-attur; ħassret id-deċiżjoni meħuda mill-Kunsill Mediku fl-1 ta' Lulju, 2009; astjeniet milli tqis mit-tielet sas-seba' talbiet tal-attur li kienu jirrigwardaw ilmenti ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali; u ordnat li l-Kunsill iħallas l-ispejjeż tal-kawża, ħlief dawk tal-Prim Ministru, l-Avukat Ġenerali u l-Ministru li jitħallsu mill-attur, kif ukoll li l-attur kellu jħallas l-ispejjeż marbuta mat-talbiet numri tlieta sa sebgħa tiegħu;

2. B'Rikors tal-Appell imressaq minnu fl-14 ta' Mejju, 2014, il-Kunsill Mediku appellant (minn issa 'l hemm imsejjaħ "il-Kunsill"), għar-raġunijiet hemm imsemija, talab li din il-Qorti jogħġobha "tħassar, tvarja u timmodifika s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermaha fejn u safejn laqgħet l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà intimata appellanti u ċaħdet it-talbiet attriċi, tiċħad ukoll *in toto* t-talbiet attriċi kollha l-oħra, senjatament

[1] L-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa (Att XII tal-2003)

l-ewwel u t-tieni talba, u tilqa' *in toto* l-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-Kunsill Mediku appellanti, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjeta' attriċi (*sic*) appellata"

3. Illi bis-saħħa tal-appell inċidentali tiegħu tad-9 ta' Lulju, 2014, l-attur (minn issa 'l hemm imsejjaħ "l-appellat") talab li din il-Qorti jogħġobha "tilqa' l-appell inċidentali tal-esponenti, u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata billi: (i) tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata f'dik il-parti tagħha fejn laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat Prim'Ministru, Avukat Ġenerali u Ministru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità u lliberathom mill-osservanza tal-ġudizzju u tbiddel is-sentenza appellata biex minflok tiċħad l-istess eċċezzjoni; (ii) tilqa' l-ewwel żewġ talbiet tal-esponenti mhux biss a bażi tal-iskadenza tal-perjodu ta' sentejn stabbilit mill-Artikolu 31(4) tal-Kap 464, f'liema parti is-sentenza tal-ewwel grad għandha tiġi konfermata, iżda ukoll għar-raġunijiet l-oħra indikati fl-aggravju numerat 2 ta' dan l-appell inċidentali; (iii) tikkonferma għalhekk s-sentenza appellata fejn ħassret id-deċiżjoni tal-Kunsill Mediku tal-1 ta' Lulju, 2009; u f'każ li tilqa' l-appell prinċipali u tiċħad dan l-appell inċidentali, tirrimanda l-atti lura lill-ewwel Onorabbli Qorti sabiex ikun hemm deċiżjoni dwar it-talbiet numerati tlieta sa sebgħa fir-rikors promotur";

4. Illi l-Kunsill laqa' għall-appell inċidentali tal-appellat billi b'Risposta mressqa fl-24 ta' Lulju, 2014, u għar-raġunijiet hemm imfissra, warrab l-erba' aggravji tal-appellat u qal li din il-Qorti jmissha tiċħad l-appell inċidentali u, minflok, tilqa' l-appell tiegħu;

5. Illi, fid-dawl tal-aggravji tal-appellat fl-appell inċidentali tiegħu, l-intimati Prim Ministru, Avukat Ġenerali u Ministru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità laqgħu b'Risposta mressqa minnhom fit-28 ta' Lulju, 2014, u li biha u għar-raġunijiet hem imsemmija, qalu li l-appell inċidentali jmissu jitwarrab bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat;

6. Illi l-ewwel Qorti ikkunsidrat dan li ġej fis-sentenza appellata:

> "*Permezz ta' rikors guramentat prezentat fit-13 ta' Novembru 2009, l-attur talab (li din il-Qorti):*
>
> *"1. Tiddikjara li d-decizjoni tal-Kunsill Mediku tal-1 ta' Lulju 2009 li biha l-attur instab hati ta' zewg akkuzi, jikkostitwixxi eghmil amministrattiv leziv tal-Artikoli 30 u/jew 41 u/jew 45 tal-Kostituzzjoni u/jew tikkostitwixxi eghmil amministrattiv ultra vires peress illi, kif sejjer jigi ippruvat, id-decizjoni ttiehdet bi ksur u vjolazzjoni tal-ligi u/jew iddecidiet kaz li l-Kunsill Lokali ma kellux il-kompetenza li jisimghu.*
>
> *"2. Tiddikjara d-decizjoni tal-1 ta' Lulju 2009 nulla, invalida u minghajr effett u tordna t-thassir taghha.*
>
> *"3. Tiddikjara li bid-decizjoni tal-1 ta' Lulju 2009 gew lezi d-drittijiet fundamentali tal-attur taht l-Artikoli 39 u/jew 41 u/jew 45 tal-Kostituzzjoni u l-Artikoli 6 u/jew 7 u/jew 10 u/jew 14 (mehud flimkien mal-Artikolu 10) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.*
>
> *"4. Thassar u tirrevoka d-decizjoni tal-1 ta' Lulju 2009.*
>
> *"5. Tilliwkida kumpens xieraq ghall-vjolazzjonijiet.*

*“6. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom sabiex ihallsu lill-attur il-kumpens likwidat.*

*“7. Taghti kull rimedju iehor xieraq u opportun skond l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea.*

*“Il-kaz jitratta dwar decizjoni tal-Kunsill Mediku tal-1 ta’ Lulju 2009 li biha l-attur gie ddikjarat li kien hati li ghamel allegazzjoni malafamanti fil-pubbliku fil-konfront ta’ Dr Louis Buhagiar, u li l-iskop wara l-ittra tas-16 ta’ Lulju 2003 kien li jnaqqaslu l-gieh u l-unur tieghu fil-kamp mediku bil-konsegwenza li ma jinghatax xoghol. L-attur gie kkundannat ihallas penali ta’ €10,000.*

*“**Twegiba tal-Kunsill Mediku**.*

*“1. L-attur ghandu jiddikjara t-tip ta’ azzjoni li ppropona, cjoe’ jekk hijiex kawza kostituzzjonali jew kawza ta’ natura ordinarja, f’liema kaz ir-rimedji bazati fuq il-provvedimenti tal-Kostituzzjoni ghandhom jigu michuda.*

*“2. L-azzjoni hi intempestiva peress li hemm appell pendenti (18/2009). Din l-eccezzjoni giet ezawrita bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Inferjuri) tas-27 ta’ April 2010.*

*“3. Id-decizjoni tal-Kunsill Mediku m’hijiex ultra vires u ma kisret ebda disposizzjoni tal-Kostituzzjoni jew Konvenzjoni Ewropea.*

*“4. Il-Kunsill Mediku ghandu d-dmir li jinvestiga allegazzjonijiet ta’ atti ta’ mgieba hazina professjonali jew etika, li tinkludi malafama, u ghalhekk il-Kunsill kellu l-kompetenza li jinvestiga jekk l-allegata malafama kien jikkostitwixxi fi ksur ta’ etika.*

*“5. Il-Kunsill Mediku studja u kkonkluda dwar l-agir ta’ membru tieghu u dwar jekk dak l-agir kien kiser id-dmirijiet etici tal-istess membru. L-akkuza li ghaliha wiegeb l-attur kienet cara u espressa u tirrizulta mill-Artikolu 32(1) tal-Kap. 464.*

*“6. L-Artikolu 31(4) tal-Kap. 464 jipprovdi li l-Kunsill ghandu jtemm l-inkjesta fi zmien sentejn, hlief meta d-dewmien isehh minghajr ebda htija tal-Kunsill rilevanti. Il-fatt li d-dewmien ma kienx attribwibbli ghall-Kunsill rilevanti jidher li ma hemm kontestazzjoni dwaru u ghalhekk ma jidhirx li kien hemm nuqqas ta’ smiegh xieraq.*

*“7. B’riferenza ghad-dritt ta’ espressjoni, issir riferenza ghall-Artikolu 41(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni. Dan id-dritt hu limitat mill-protezzjoni tar-reputazzjoni ta’ terzi, cjoe’ Dr Louis Buhagiar.*

*“8. Ladarba terzi ghandhom dritt ghar-reputazzjoni taghhom, l-ilment tieghu taht l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni mehud mal-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni, ifalli.*

*"9. Dwar l-allegazzjoni ta' applikazzjoni b'mod retroattiv tar-Regolamenti 38 tas-sena 2009, dan ma jirrendix is-sentenza nulla peress li dik is-sentenza tidhol fis-sehh biss ladarba l-attur jonqos milli jhallas il-multa mposta fil-parametri tal-ligi.*

*"10. L-attur ma sofriex danni u l-qorti m'ghandix tillikwida kumpens.*

*"11. Id-decizjoni tal-Kunsill Mediku ghandha tigi kkonfermata bhala valida fil-Ligi u t-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda.*

*"**Twegiba tal-Prim'Ministru, Avukat Generali, u Ministru tas-Sahha, l-Anzjani u Kura fil-Komunità gjà Ministru tal-Politika Socjali u Responsabbli ghas-Sahha (fol. 296)**.*

*"1. M'humiex il-legittimi kontraditturi.*

*"2. L-azzjoni attrici hi diretta kontra sentenza favur u ghal protezzjoni tar-reputazzjoni ta' Dr Louis Buhagiar li ghandu jissejjah fil-kawza. Il-qorti cahdet it-talba (ara verbal a fol. 319).*

*"3. Il-qorti ghandha tichad milli tqies tezercita l-gurisdizzjoni skond l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 peress li l-attur kellu rimedju ta' appell skond l-Artikolu 36 tal-Kap. 464. Eccezzjoni li giet ezawrita bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-29 ta' April 2010.*

*"4. M'hemm xejn li jista' jattira l-htiega ta' revizjoni min-naha tal-Qorti.*
*"5. Id-decizjoni tal-Kunsill Lokali ma tinkwadrax ruhha fit-tifsira ta' eghmil amministrattiv skond l-Artikolu 469A tal-Kap. 12.*

*"6. L-azzjoni prezenti hi ghal stharrig gudizzjarju u mhux kawza kostituzzjonali. F'kull (każ) huma qatt ma wettqu xi allegata vjolazzjoni.*

*"7. It-talba ghal dikjarazzjoni ta' respnsabbilta' ghad-danni hi nfondata fil-fatt u fid-dritt peress li ma hemm l-ebda ness ta' kawzalita' bejn l-agir tal-esponenti u d-danni pretizi mill-attur.*

*"8. Ir-rimedju ta' danni fil-kaz ta' stharrig ta' eghmil amministrattiv hu moghti biss f'kaz li l-awtorita' pubblika tagixxi in mala fede. Ghalhekk it-talba ghad-danni ghandha tigi michuda.*

*"**Fatti**.*

*"1. B'ittra tas-16 ta' Lulju 2003, l-attur kien gharraf lil Dr Louis Buhagiar li "…your privileges with St Philips Hospital have been suspended with immediate effect.". Dan wassal biex Dr Buhagiar ma jkunx jista' jara iktar pazjenti fl-Isptar St. Philip's li tieghu l-attur kien il-Kap Ezekuttiv. Fl-ittra jinghad: "I have explained to you verbally the reasons that have forced us to take this unprecedented action i.e. repeated complaints about the professional fees you charge to patients. These complaints*

*have come from various patients and a number of contracted companies who send patients to us on a regular basis.”.*

*“2 Dr Buhagiar talab lill-Kunsill Mediku sabiex jinvestiga l-kaz u allega li l-ghan taghha kien biex jitnaqqaslu l-gieh u l-unur tieghu fil-qasam mediku sabiex ma jinghatax xoghol (ittra tal-21 ta’ Lulju 2003).*

*“3. Permezz ta’ ittra tas-6 ta’ Ottubru 2003 Dr Buhagiar talab lill-Kunsill Mediku sabiex jinvestiga kif l-attur kien azzjonist fil-kumpannija li tmexxi l-isptar St. Philip’s u fl-istess waqt kien qieghed jezercita l-professjoni tieghu ta’ spejcalist fl-istess sptar. Skond Dr Buhagiar dan johloq kunflitt ta’ interess u jmur kontra l-Kotici ta’ Etika.*

*“4. Il-Kunsill Mediku talab lil Dr Buhagiar sabiex jaghmel ilment formali (ittra tal-14 ta’ Ottubru 2003). Dan wassal sabiex Dr Buhagiar jaghmel zewg dikjarazzjonijiet guramentati fejn irrepeta l-istess affarijiet.*

*“5. Il-Kunsill Mediku baghat ittra (8 ta’ Gunju 2004) lill-attur fejn infurmah dwar l-ilment li kien ressaq Dr Buhagiar u talbu jaghti l-verzjoni tieghu. Verzjoni li l-attur ta b’ittra tat-18 ta’ Gunju 2004.*

*“6. Il-Kunsill Mediku hareg avviz ta’ inkjesta fil-15 ta’ Lulju 2005, li gie notifikat lill-attur. L-attur gie akkuzat li:*

*“(a) ghamel allegazzjonijiet malafamanti fil-pubbliku fil-konfront ta’ Dr Buhagiar;*

*“(b) l-ghan wara l-ittra tas-16 ta’ Lulju 2003 li ntbaghatet lill-Assocjazzjoni Medika Maltija, membri tal-professjoni medika u professjonijiet ancillari, kien li jnaqqas il-gieh ta’ Dr Buhagiar fil-kamp mediku bil-konsegwenza li ma jigix riferut iktar xoghol;*

*“(ċ) huwa azzjonist u kap ezekuttiv tal-Isptar St. Philip’s u fl-istess waqt jipprattika l-professjoni medika fl-istess lokalita.*

*“Fl-avviz jinghad li Dr Portelli kien hati ta’ “…mgieba hazina professjonali jew etika f’xi rigward, jew b’xi mod iehor inqast milli tottempera ruhek ma’ standards professjonali u etici li japplikaw ghalik (art 32(1) Kap. 464)”. L-attur wiegeb permezz ta’ ittra datata 17 ta’ Lulju 2005 fejn irribatta l-akkuzi.*

*“7. Il-Kunsill Mediku zamm seduti fil-5 ta’ Awissu 2005, 18 ta’ Awissu 2005, 6 ta’ Ottubru 2005, 17 ta’ Novembru 2005, 16 ta’ Marzu 2006, 11 ta’ April 2006, 9 ta’ Mejju 2006, 30 ta’ Mejju 2006. Fl-ahhar seduta gie ddikjarat: “…. l-inkjesta hija maghluqa u li ma jinhtiegux jissejhu aktar xhieda. Il-partijiet ghandhom jhejju nota finali tal-ezami u kontro-ezami rispettivament. L-inkjesta giet differita sine die ghas-sentenza.”.*

*“8. Permezz ta’ decizjoni tal-1 ta’ Lulju 2009, il-Kunsill Mediku ddecieda li Dr Portelli kien hati “…. Ta’ allegazzjonijiet malafamanti fil-pubbliku u*

*li l-iskop ahhari ta' l-ittra tas-16 ta' Lulju 2003 lil Dr Louis Buhagiar biex igharfu li kien sospiz mill-isptar, kopji ta' liema ittra gew mibghuta lill-MAM u lil membri ohra tal-professjoni medika, kien li Dr Buhagiar jitnaqqaslu l-gieh u l-unur tieghu fil-kamp mediku bil-konsegwenza li ma jigix riferut lilu aktar xoghol, iktar u iktar meta l-allegazzjonijiet ma gewx ippruvati.". L-attur gie kkundannat ihallas multa ta' €10,000 u fl-eventwalita' li ma jhallasx fi zmien tlett (3) xhur jitnehha mir-Registru skond paragrafu 3 tal-Medical Council (Penalties) Regulations 2009 (Legal Notice).*

*"9. L-attur appella quddiem il-Qorti tal-Appell li b'decizjoni tas-27 ta' April 2010 iddikjarat l-appell null peress li appell seta' jsir biss fejn isem il-professjonist jithassar mir-registru.*

*"M'hemmx kontestazzjoni li l-procediment sar skond it-Taqsima VII tal-Att dwar il-Professjonijiet tas-Sahha (Kap. 464). Artikolu 31 jipprovdi:*

> *"(1) Il-Kunsill rilevanti jkollu s-setgħa, kemm wara ilment minn xi persuna jew minn jeddu, li jinvestiga kull allegazzjoni ta' mġieba ħażina professjonali jew ksur ta' etika minn professjonist fil-kura medika taħt is-sorveljanza tiegħu.*
>
> *"(2) Kull inkjesta skont is-subartikolu (1) fl-imġieba ħażina jew xi nuqqas ieħor skont l-artikolu 32(1)(b) u (ċ) hi preskritta meta jiskadu sentejn li jibdew mill-ġurnata minn meta l-kwerelant jew il-kwerelanti jsiru jafu jew imisshom isiru jafu bil-fatti jew inċidenti li jagħtu lok għall-ilment u f'kull każ meta jiskadu għaxar snin mill-ġurnata meta jkun sar il-fatt jew inċident allegat.*
>
> *"(3) Il-perjodu ta' limitazzjoni msemmi fis-subartikolu (2) jista' jitwaqqaf b'kull att tal-proċedimenti tal-inkjesta li jiġi notifikat lill-parti li tkun qed tiġi investigata.*
>
> *"(4) Għall-finijiet tad-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, l-Kunsill rilevanti **għandu jtemm l-inkjesta fi żmien sentejn** mill-ġurnata li xi att tal-proċedimenti tal-inkjesta jiġi notifikat lill-parti akkużata dwar il-fatt jew l-inċident li jkun qiegħed jiġi mixli bih, ħlief meta d-dewmien iseħħ mingħajr ebda ħtija tal-Kunsill rilevanti" (enfazi mizjuda).*

*"L-ilmenti tal-attur huma fir-rigward tad-decizjoni tal-Kunsill Mediku, u fil-qosor huma li:*

*"i. L-inkjesta ma nghalqitx fit-terminu kontemplat fl-Artikolu 31(4) tal-Kap. 464.*

*"ii. Ksur ta' dritt fundamentali ghal smiegh xieraq (Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni) minhabba li l-kaz ma giex deciz fi zmien ragonevoli.*

*"iii. Decizjoni ultra vires ghaliex il-Kunsill iddecieda akkuza ta' malafama. Dan wassal ukoll ghal ksur tad-dritt ghal smiegh xieraq peress li l-kaz tieghu ma giex deciz minn qorti.*

*“iv. Id-decizjoni llimitat il-liberta tal-espressjoni tal-attur li gie mcahhad mill-jedd li jiddefendi r-reputazzjoni tal-isptar li minnu huwa responsabbli. Dan wassal ghal ksur tal-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni.*

*“v. Fil-konfront tal-attur gie wzat kejl differenti minn dak li jintuza fil-kaz ta’ kull cittadin iehor gialadarba l-Kunsill Mediku ddecieda kawza ta’ malafama meta ma kellux il-kompetenza. Minhabba l-professjoni tieghu l-attur sofra nterferenza fil-liberta’ ta’ espressjoni hafna akbar minn dik normalment applikabbli.*

*“vi. Il-piena mposta fuq l-attur saret b’mod retroattiv u dan jikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 30 tal-Kostituzjoni.*

*“vii. L-applikazzjoni tal-ligi b’mod retroattiv tal-penali tikkostitwixxi ksur u vjolazzjoni tal-ligi. Ghalhekk id-decizjoni tal-1 ta’ Lulju 2009 hi ultra vires.*

*“Il-qorti ma tara l-ebda raguni li tista’ tiggustifika l-presenza tal-Prim’Ministru, Ministru ghas-Sahha u Avukat Generali, f’dawn il-proceduri. Hadd minn dawn l-awtoritajiet ma kellu x’jaqsam fid-decizjoni tat-3*[2] *ta’ Lulju 2009. Ir-responsabbilta’ ghad-decizjoni tat-3 ta’ Lulju 2009 hi tal-Kunsill Mediku u ta’ hadd iktar. Ghalhekk il-Prim’Ministru, Ministru ghas-Sahha u l-Avukat Generali m’humiex legittimi kontradittturi u ser jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju. Ghalkemm dawn il-konvenuti jsostnu wkoll li l-kawza ma kellha qatt issir kontra l-Kunsill Mediku, il-qorti ma taqbilx. L-attur qieghed jilmenta mid-decizjoni tal-Kunsill Mediku u talab l-istharrig ta’ dik id-decizjoni. Ghalhekk il-Kunsill Mediku hu l-legittimu kontradittur. Dan apparti li l-Kunsill Mediku ma tax eccezzjoni f’dan is-sens. Eccezzjoni li fil-fehma tal-qorti hi personali ghal parti, f’dan il-kaz il-Kunsill Mediku.*

*“M’hemmx dubju li l-Kunsill Mediku ghandu fost dmirijiet ohra, funzjoni kwazi gudizzjarja in kwantu jinvestiga “kull allegazzjoni ta’ mgieba hazina professjonali jew ksur ta’ etika minn professjonist fil-kura medika taht is-sorveljanza tieghu” (Artikolu 31). Uhud mill-konvenuti argumentaw li meta l-Kunsill Mediku jiddeciedi ma jkunx qieghed iwettaq eghmil amministrattiv sindakabbli taht l-Artikolu 469A tal-Kap. 12. F’dan ir-rigward l-Artikolu 469A jipprovdi li:-*

> *“(a) Awtorita pubblika tinkludi “…***kull** *korp maghqud kostitwit permezz ta’ ligi”. Il-Kunsill Mediku hu mwaqqaf mill-Artikolu 9 tal-Kap. 464.*
>
> *“(b) Eghmil amminstrattiv “…. Tfisser il-hrug ta’* **kull** *ordni, licenza, permess, warrant,* **decizjoni** *jew ir-rifjut ghal talba ta’ xi persuna li jsir minn awtorita pubblika”.*

---

[2] *Recte:* 1 ta’ Lulju, 2009

*"Pero' f'kazijiet bhal dak in ezami l-Kunsill Mediku qieghed jagixxi bhala tribunal ta' dixxiplina u xejn iktar u fil-qadi ta' din il-funzjoni m'huwiex iwettaq eghmil amministrattiv. Fl-inkjesti l-Ezekuttiv m'huwiex parti u lanqas mhu jiehu decizjoni. Fis-sentenza* ***Direttur Generali tal-Qrati vs Pinu Axiaq*** *tat-3 ta' Mejju 2006, il-Qorti tal-Appell osservat:-*

> *"L-Artikolu 469A(1) jipprovdi li l-qrati ta' gustizzja ta' kompetenza civili, ghandhom gurisdizzjoni biex jistharrgu l-validita` ta' xi eghmil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-eghmil null, invalidu jew minghajr effett fil-kazijiet imsemmija fl-istess artikolu. Skond is-subartikolu (2) ta' l-imsemmi artikolu, il- frazi "'eghmil amministrattiv' tfisser il-hrug ta' kull ordni, licenza, permess, warrant, decizjoni jew ir-rifjut ghal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorita` pubblika ...". L-istess sub-artikolu jipprovdi li l-frazi "'awtorita` pubblika' tfisser il-Gvern ta' Malta, maghdudin il-Ministri u dipartimenti tieghu, awtoritajiet lokali u kull korp maghqud kostitwit permezz ta' ligi."*

*"Huwa car li fil-waqt li d-Direttur Generali tal-Qrati jista' jaqa' fid-definizzjoni ta' "awtorita` pubblika" ghall-fini ta' din id-disposizzjoni, tali disposizzjoni ma tistax tinkludi tribunal gudizzjarju jew kwazi-gudizzjarju. Din kienet ukoll il-konkluzjoni ta' din il-Qorti (diversament komposta fis-sentenza* ***L-Avukat Dr. Anthony P. Farrugia v. Kummissjoni Elettorali et*** *deciza fit-18 ta' Ottubru 1996. U wara li waslet ghal din il-konkluzjoni, din il-Qorti kompliet tghid hekk:*

> "*L-attur allura, qed jesperixxi d-dritt ta' azzjoni skond il-ligi ordinarja minn zmien rikonoxxut li tinvesti fil-Prim Awla tal-Qorti Civili b'gurisdizzjoni originali li tipprovdi rimedju fejn awtorita` gudizzjarja jew kwazi gudizzjarja teccedi l- gurisdizzjoni taghha jew tissanzjona illegalita`. "Illum hu car li l-Qorti (Civili) tista' tissindaka l-operat ta' kwalsiasi tribunal amministrattiv, l-ewwelnett biex tassigura li ma kienx hemm xi enuncjazzjoni hazina jew inkompleta ta' l- ipotesi tal-ligi, u dan minghajr ma tipprova b'xi mod tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik tal-Bord. La l-Ligi avdat dik il-funzjoni kwazi-gudizzjarja f'idejn il-Bord, huwa l-Bord u hadd iehor ghalih li jrid jiddeciedi" (****Joseph Farruga v. Emanuel Cilia Debono*** *– 10 ta' Gunju 1987 – PA; ara wkoll* ***Montalto v. Chircop*** *– PA 18 ta' April 1987;* ***Norman Rossignaud noe v. Gontram Borg noe*** *– PA 19 ta' April 1990;* ***Anthony Borg Cardona v. Joseph Busuttil et noe*** *– 5 ta' Ottubru 1994, PA u ohrajn.".*

*"Insenjament li rega' gie kkonfermat fil-kawza* ***General Workers Union vs Bank of Valletta plc*** *deciza fid-19 ta' Jannar 2010.*

*"Il-konkluzjoni tal-qorti hi li d-decizjoni tal-Kunsill Mediku m'hijiex sindakabbli taht l-Artikolu 469A tal-Kap. 12. Dan apparti li fi proceduri ta' dixxiplina l-Kunsill Mediku m'huwiex jaqdi funzjoni ta' amministrazzjoni pubblika.*

*"Dan ma jfissirx li l-Kunsill Mediku m'huwiex soggett li josserva l-ligi u japplika l-principji tal-gustizzja naturali. B'analogija tista' ssir riferenza ghat-Tribunal Industrijali fejn hi gurisprudenza stabbilita li l-qorti ghandha l-awtorita tistharreg jekk it-Tribunal ikunx mar ultra vires jew*

*kontra r-regoli ta' gustizzja naturali jew is-sentenza tkun kontra l-ligi miktuba (ara per ezempju* ***Universita' ta' Malta vs C. Hili*** *deciza minn din il-qorti*[3] *fit-3 ta' Ottubru 2003). Stharrig ta' decizjoni tat-Tribunal Industrijali ma jsirx taht l-Artikolu 469A tal-Kap. 12. Fil-kors tas-smiegh tal-kawza l-attur ta x'jifhem li qieghed ifittex rimedju wkoll taht l-Artikolu 469A tal-Kap. 12*[4]*. Pero' fir-rikors guramentat dan il-provvediment ma ssemmiex u l-qorti hi tal-fehma li m'hemm xejn milli jimpediha milli tistharreg l-ilment taht il-principji generali fuq imsemmija.*

*"L-attur jallega li l-Kunsill Mediku m'ghandux il-kompetenza biex jiddeciedi dwar jekk b'dak li kien iddikjara kienx immalafama lill-attur. Skond l-Artikolu 31(1) il-Kunsill Mediku jista' jinvestiga allegazzjoni ta' mgieba hazina professjonali jew ksur ta' etika minn professjonist fil-kura medika. Skond l-Artikolu 2 standards professjonali u etici tinkludi "……..* ***l-imgieba ta' tali membru lejn membri ohra tal-professjoni tieghu*** *u lejn membri ta' professjonijet tal-kura medika ohra u lejn is-socjeta". L-attur u l-kwerelant huma tobba. Il-Kunsill Mediku ghandu l-awtorita' li jistharreg l-imgieba ta' membru tal-professjoni lejn membru iehor. F'dan il-kaz irrizulta li l-attur:*

*"(a) Baghat ittra datata 16 ta' Lulju 2003 fejn semma li saru diversi ilmenti "… about the professional fees you charge to patients".*

*"(b) Fil-pubbliku qal li Dr Buhagiar kien zamm flus li kienu dovuti lill-isptar St. Philip's u li eventwalment kien irritorna wara sena minn meta rcevihom minghand pazjent, u li kien hemm kazijiet ta' overcharging li kien investiga hu personalment u li sab li kienu gustifikati. F'dan ir-rigward issir riferenza ghall-artiklu pubblikat fil-gazzetta Malta Today fil-5 ta' Ottubru 2003.*

*"M'hemmx dubju li Dr Portelli kiteb l-ittra tas-16 ta' Lulju 2003 u tkellem mal-media bhala l-Kap Ezekuttiv tal-isptar St. Philip's. Fil-fehma tal-qorti bhala l-Kap Ezekuttiv kellu kull dritt li jizgura li ma jkunx hemm abbuz fl-isptar li jmexxi hu. 'Il fatt li Dr Buhagiar ma kienx impjegat tal-isptar ma jfissirx li l-Kap Ezekuttiv kellu jaghlaq ghajnejh u ma jinvestigax u jiehu azzjoni f'kaz li jirrizulta li kien hemm overcharging minn wiehed mit-tobba li jara l-pazjenti fl-isptar Saint Philip's. Wara kollox fin-nofs kien hemm ukoll ir-reputazzjoni tal-isptar li ghandu dmir ukoll lejn il-pazjenti li jinqdew bis-servizzi li joffri. Il-pazjent li jmur jinqeda fi sptar privat m'huwiex ser joqghod jistaqsi u wisq inqas jinghata xi taghrif dwar jekk it-tabib li jikkurah huwiex impjegat tal-isptar jew huwiex self-employed. Sa hawnhekk l-attur ma ghamel xejn hazin. F'dan il-kuntest il-qorti ma taqbilx mal-fehma li esprima l-Kunsill Mediku li "… skond ix-xhieda esposta, Dr Portelli bhala Direttur ta' l-isptar St Philip's ma kellux jidhol fil-kwistjoni kemm jiccargja konsulent bhal Dr Buhagiar,……". Dik hi biss opinjoni u xejn iktar. Pero' jibqa' fatt li*

[3] Imhallef P. Sciberras.

[4] Hekk per ezempju fin-nota ta' sottomissjonijiet qal: *"Inoltre r-rikorrent ghandu kull dritt li jitlob li d-decizjoni tal-Kunsill Mediku tigi mhassra kemm bhala ghemil amministrattiv monk taht l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 kif ukoll billi l-effetti taghha kisrulu diversi drittijiet fundamentali."*.

*ghalkemm l-attur ghamel id-dikjarazzjonijiet fi zmien li kien Kap Ezekuttiv tal-isptar, hu wkoll tabib prattikanti. Ghaldaqstant, il-Kunsill Mediku kellu l-awtorita' li jistharreg id-dikjarazzjonijiet pubblici li ghamel l-attur fil-konfront ta' tabib kollega tieghu. L-attur ilmenta li materja dwar malafama kellha tigi deciza minn qorti u mhux mill-Kunsill Mediku. F'dan ir-rigward il-qorti tillimita ruhha biex tosserva li meta tabib jallega overcharging minn tabib iehor, jekk l-allegazzjoni ma tigix sostanzjata bi provi allura hi imgieba inaccettabbli u tista' tkun soggetta ghal stharrig mill-Kunsill Mediku. Akkuza bhal dik li ghamel l-attur jekk ma tigix ippruvata li hi vera, kif gara f'dan il-kaz, hi fiha nnifisha hazina in kwantu tirrifletti hazin fuq il-professjoni li jipprattika. Hi l-ligi stess li tipprovdi li standards professjonali u etici jinkludu l-imgieba ta' membru ta' xi professjoni tal-kura medika fil-konfront ta' membru iehor. L-Artikolu 33 tal-Kap. 464 stess jipprovdi li: "Kull inkjesta li ssir minn Kunsill rilevanti ghandha tkun minghajr pregudizzju ghal xi procedimenti kriminali, civili, amministrattivi jew dixxiplinari ohra li jistghu jittiehdu kontra l-persuna involuta taht id-disposizzjonijiet ta' xi ligi ohra.". Hu veru wkoll li d-dritt tal-espressjoni huwa dritt fundamentali, pero' tali dritt m'huwiex licenzja biex tghid li trid. Wiehed irid jiftakar li l-Kunsill Mediku nvestiga l-kaz u wasal ghal konkluzjoni li l-allegazzjoni ta' overcharging ma gietx ippruvata. Apprezzament ta' provi li ghal finijiet tal-proceduri dixxiplinarji li ttiehdu kontra l-atturi, irid isir mill-Kunsill Mediku u mhux minn qorti. Jekk isir mod iehor il-qorti tkun qeghda tezawtora lill-Kunsill Mediku minn wahda mill-funzjonijiet tieghu stabbiliti b'ligi. Hu principju baziku li tabib m'ghandu qatt jisfrutta l-vulnerabilita' ta' pazjent meta jitlob hlas ghas-servizz jew trattament li jkun ta. Madankollu jekk l-attur kien tal-fehma li Dr Buhagiar kien qieghed jabbuza, kellu kull opportunita' li jirraporta lill-Kunsill Mediku dak li kien qieghed jirrizultalu u kellu kull dritt li jirtiralu l-admission privileges fl-isptar Saint Philip's. Pero' ladarba l-attur ghazel li pubblikament jakkuza lil Dr Buhagiar, ha fuq spallejh ir-responsabbilta' ta' dak li ddikjara.*

*"Skond l-Artikolu 31 il-Kunsill Mediku, li ghal finijiet tal-kaz in ezami huwa "Il-Kunsill rilevanti"[5], ghandu jtemm l-inkjesta fi zmien "sentejn mill-gurnata li xi att tal-procedimenti tal-inkjesta jigi notifikat lill-parti akkuzata dwar il-fatt jew l-incident li jkun qieghed jigi mixli bih….". Irrizulta li bejn il-15 u 16 ta' Lulju 2005 l-attur gie notifikat bl-avviz tal-inkjesta. Hu evidenti li dan il-provvediment hu ntiz biex ma jhallix lit-tabib li jkun qieghed jigi nvestigat fi stat ta' incertezza ghal tul ta' zmien, u f'kull kaz huwa fl-interess tal-pubbliku li inkjesti li jitrattaw imgieba hazina professjonali jew ksur ta' etika, ma jibqghux miftuha ghal zmien indefinit. Hu minnu li fl-Artikolu 31(4) ma jinghadx espressament li l-inkjesta ma tistax titkompla wara li jghaddu sentejn, madankollu l-qorti hi tal-fehma li dan it-terminu hu mandatorju u m'huwiex qieghed hemm biex iservi biss bhala gwida. Kieku kien mod iehor ma kienx ikun hemm bzonn li:-*

*"i. Jigi ffissat perjodu definit ta' sentejn.*

[5] Il-ligi tikkontempla Kunsilli ohra bhal Kunsill tal-Infermieri u Qwiebel u Kunsill tal-Ispizjara.

*"ii. Jinghad li l-Kunsill **ghandu** jtemm l-inkjesta fi zmien sentejn.*
*"iii. Jinghad li t-terminu ta' sentejn ma japplikax fejn id-dewmien m'huwiex responsabbli ghalih il-Kunsill.*

*"M'hemmx dubju li l-Kunsill Mediku ma zammx ma' dan it-terminu. Hu minnu li l-provvediment jaghmel eccezzjoni fis-sens "…. **hlief meta d-dewmien isehh minghajr ebda htija tal-Kunsill rilevanti**", pero' l-qorti m'hijiex qeghda hawn biex ex officio tipprova ssib xi gustifikazzjoni ghalfejn dan il-kaz ma giex deciz fit-terminu kontemplat mil-ligi. Hu d-dmir tal-Kunsill Mediku li jghid x'kienet ir-raguni u jressaq il-provi sabiex imbaghad il-qorti taghmel gudizzju. Hu l-Kunsill Mediku li jmexxi s-smiegh tal-kaz u fil-procedura li jaddotta ghandu d-dmir li jizgura li jsegwi dak li tipprovdi l-ligi. Waqt il-gbir tal-provi ssemma li:-*

*"i. Ic-Chairman tal-Kunsill Mediku kien ghamel zmien marid. Kull m'hemm fl-atti hi dikjarazzjoni ta' Dr Josella Farrugia "**Li kont smajt jien** kien illi c-Chairman ta' qabli kellu problemi ta' sahha u li l-Kunsill ma kienx qieghed jaghmel laqgha ta' spiss, ghalhekk kien hemm kumulu ta' xoghol." (enfazi mizjuda, fol. 639). Pero' din id-dikjarazzjoni ma tikkwalifikax bhala prova u f'kull kaz lanqas mhi l-ahjar prova. Ma tressqux provi li b'xi mod jistghu jiggustifikaw id-dewmien eccessiv min-naha tal-Kunsill Mediku biex jaghlaq l-inkjesta meritu ta' dawn il-proceduri. Mill-file stess tal-Kunsill Mediku m'hemm xejn li jista' jaghti xi hjiel dwar x'wassal biex wara s-seduta tat-30 ta' Mejju 2006 ma jsir xejn ghal snin shah.*

*"ii. Id-decizjoni ttiehdet f'Jannar 2009 izda giet pubblikata f'Lulju 2009 minhabba "… illi kien hemm l-elezjoni ghall-Parlament Ewropew fejn l-attur kien kandidat. Jien hassejt illi kien xieraq illi d-decizjoni ma tinharigx qabel biex ma tigix pregudikata b'xi mod il-kampanja elettorali li kien ghaddej minnha Portelli". L-inkjesta tinghalaq bid-decizjoni, li nghatat fl-1 ta' Lulju 2009. Sa Jannar 2009 ma setghet ittiehdet l-ebda decizjoni gialadarba hu evidenti li l-Kunsill Mediku kien ghadu ma ddecidiex x'tip ta' piena kellu jimponi fuq l-attur. Dan apparti li sa dakinhar kienu ghadhom ma giex pubblikat l-Avviz Legali 38 tal-2009*[6] *li f'Regolament 2 jipprovdi li l-Kunsill Mediku jista' jimponi penali li ma tkunx iktar minn ghoxrin elf ewro (€20,000). Fil-fehma tal-qorti, ir-raguni li ssemmiet mix-xhud ma tista' qatt tikkwalifika bhala raguni valida ghad-dewmien meta tqies li jidher li din kienet inizjattiva tal-President tal-Kunsill u ma jirrizultax li l-attur kien ghamel talba biex id-decizjoni tigi posposta ghal wara l-elezzjoni li saret fl-2009. Il-konkluzjoni hi li d-decizjoni li nghatat fl-1 ta' Lulju 2009 hi ultra vires gialadarba ma gietx maghluqa fit-terminu preskritt mil-ligi.*

*"L-attur ressaq ukoll diversi ilmenti relatati mad-drittijiet fundamentali tal-bniedem u li ghandhom jigu kkunsidrati biss fejn m'hemmx rimedji ohra. L-attur stess irrikonoxxa bl-ilment li ressaq fir-rikors guramentat, li kellu rimedju iehor. Ghalhekk m'hemmx htiega li l-qorti tippronunzja*

[6] *Medical Council (Penalties) Regulations*, pubblikati fit-3 ta' Frar 2009.

*ruhha dwar it-tielet sas-seba' talba tal-attur li huma kollha kollegati ma' xulxin. Madankollu l-qorti tikkummenta hekk:-*

*"M'hemmx dubju li l-kaz kontra l-attur ma giex deciz fi zmien ragonevoli. Fil-fehma tal-qorti l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea japplika fil-kaz in ezami. Fil-fatt hi l-ligi stess li tikkontempla li jekk il-hlas ma jsirx fi zmien tlett xhur, isem l-attur jitnehha minn fuq ir-Registru. Dan iwassal sabiex ma jkunx jista' jipprattika l-professjoni ta' tabib. Il-konkluzjoni tal-qorti hi li dan jikkwalifika bhala 'determination of his civil rights and obligations'. F'dan il-kunterst issir riferenza ghas-sentenza tal-Qorti Ewropea fil-kaz* ***Albert and Le Compte v Belgium*** *(1983). Fil-kaz in ezami bizzejjed jinghad kif il-Kunsill Mediku dam iktar minn sentejn biex fetah l-inkjesta. Inoltre, wara li nghalqu l-provi (30 ta' Mejju 2006) dam iktar minn tlett snin ohra sabiex jaghti decizjoni. Fatti li dwarhom m'hemmx bzonn ta' xi kumment. Dan apparti li l-attur ghandu ragun meta argumenta li hi l-ligi stess li fl-Artikolu 31(4) tal-Kap. 464 tistabbilixxi x'inhu z-zmien ragonevoli. Li hu wkoll inkwetanti hu kif meta gie ghall-piena l-Kunsill Lokali addotta l-Avviz Legali 39 tal-2009 li dahal fis-sehh fit-3 ta' Frar 2009, cjoe' wara li kienu ilhom li nghalqu mit-30 ta' Mejju 2006 u l-kaz kienu ilu snin twal pendenti quddiem il-Kunsill Mediku. Bid-decizjoni li ta l-Kunsill snin wara li nghalaq il-gbir tal-provi, gab lill-attur f'sitwazzjoni fejn wehel penali konsiderevoli u li tista' twassal biex ismu jithassar mir-Registru jekk fi zmien tlett xhur mid-decizjoni ma jhallasx il-penali ta' €10,000 (Regolament 3). Konsegwenza li ma kenitx kontemplata mil-ligi kif kienet fi zmien li sehh l-incident meritu tal-kaz. Ghalkemm L-Ordinanza dwar Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom x'Jaqsmu Maghha (Kap. 31) kienet tikkontempla li l-Kunsill Mediku jista' jimponi multa (Artikolu 105), ma jidhirx li l-ligi kienet tipprovdi l-parametri tal-multa. Madankollu l-qorti hi tal-fehma li d-dewmien biex tinghata decizjoni wassal sabiex tigi mposta fuq l-attur penali konsidereveoli. Haga li fil-fehma tal-qorti ma kenitx tigri kieku d-decizjoni nghatat qabel dahal fis-sehh l-Avviz Legali 38 tal-2009.*

*"L-attur ma jistax jilmenta li sehhet xi diskriminazzjoni kontra tieghu billi joqghod jipparaguna lilu nnifsu ma' cittadini ohra. L-attur hu tabib u bhala tali tapplika ligi specjali.*

*"Ghalkemm l-attur jinvoka l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea, fl-Artikolu 10(2) jinghad li dan id-dritt igorr mieghu dmirijiet u responsabiltajiet u l-ezercizzju ta' dan id-dritt jista' jkun soggett ghal "…. Formalities, conditions, restrictions or penalties as are prescribed by law and are necessary in a democratic society,…….., for the protection of the reputation or rights of others…". Provvediment simili nsibuh ukoll fl-Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni. Interferenza mad-dritt tal-liberta' ta' espressjoni kien intiz "to pursue a legitimate aim referred to in Article 10 § 2 of the Convention, namely to protect the rights and reputation of others" (***Frankowicz v Poland***, Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tas-26 ta' Dicembru 2009). Ghalkemm l-attur isostni li l-kaz in ezami hu identiku ghal dak ta' Frankowicz, il-qorti ma taqbilx. F'dak il-kaz kienu*

*ttiehdu proceduri dixxiplinarji kontra t-tabib meta esprima opinjoni medika fir-rigward ta' kura li kien inghata l-pazjent minghand tabib iehor. Fil-kaz in ezami l-attur ma tax opinjoni medika izda allega li Dr Buhagiar kien qieghed jitlob hlas eccessiv minghand il-pazjenti. Allegazzjoni li bla dubju tolqot ir-reputazzjoni u integrita' ta' tabib.*

*"L-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni ma jidhirx li japplika fil-kaz in ezami gialadarba l-qorti ma tasalx ghall-konkluzjoni li l-proceduri ta' dixxiplina jistghu jikkwalifikaw bhala proceduri kriminali. F'dan ir-rigward il-qorti taghmel riferenza ghal dak li qalet il-Kumissjoni fil-kaz* ***Wickramasinghe v United Kingdom (1998)***[7] *fejn inghad: 'The "offence" is thus classified as disciplinary within the domestic system. As to the nature of the offence, the Commission observes that professional disciplinary matters are essentially matters which control the relationship between the individual and the professional association to which he or she belongs, and whose rules he or she agreed to accept. They do not involve the State setting up a rule of general applicability by which it expresses disapproval of, and imposes sanctions for, particular behaviour, as is generally the case of criminal charges ... It is true, as the applicant points out, that the facts underlying the proceedings against the applicant, namely allegations of sexual indecency, could also have been the subject of criminal charges before the criminal jurisdiction. However, it is frequently the case that the factual allegations in professional disciplinary proceedings could also be pursued in ordinary criminal proceedings: in the present context, the possibility of parallel criminal proceedings does not make the nature of the offence inherently criminal. Finally, the Commission must have regard to the degree of severity of the penalty risked ...* ***Each of these sanctions (namely erasure from the register, imposing restrictions on the right to practise or suspension from practise) is essentially disciplinary and is directed to protecting the public and the reputation of the medical profession. The fact that "erasure" is likely to have far-reaching consequences for the individual concerned does not render the penalty criminal. It follows that the proceedings against the applicant did not determine a "criminal charge"****.' (enfazi mizjuda).*";

7. Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tas-7 ta' Mejju, 2019;

---

[7] Citat fil-kaz **R (on the application of Fleurose) v Securities and Futures Authority Ltd and another**, Queen's Bench Division (Administrative Court), 2001. F'dak il-kaz il-qorti kkonkludiet li *"[As to] seriousness of the penalty... [i]t is plain that the imposition of a substantial fine in disciplinary proceedings will not in itself render charges criminal in nature..."*.

8. Rat l-atti kollha tal-kawża;

9. Rat li l-appell tħalla għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

10. Illi fid-dawl tal-mod kif inhu msejjes il-każ u kif l-ewwel Qorti fasslet is-sentenza appellata, din il-Qorti jidhrilha li jixraq li tibda l-ewwel biex tistħarreġ l-appell tal-Kunsill u mbagħad tqis l-appell inċidentali tal-appellat, u dan ukoll għaliex biċċa mit-talbiet fl-appell inċidentali jiddependu mill-mod kif din il-Qorti sejra tiddisponi mill-appell tal-Kunsill;

**A. <u>L-Appell tal-Kunsill</u>**

11. Il-Kunsill ressaq **aggravju wieħed** mis-sentenza appellata, li jikkonsisti f'kontestazzjoni tal-kunsiderazzjonijiet magħmula mill-ewwel Qorti dwar x'raġuni setgħet inġabet biex il-Kunsill ma temmx l-inkjesta kontra l-appellat fiż-żmien ta' sentejn li jsemmi l-artikolu 31(4) tal-Kapitolu 464 tal-Liġijiet ta' Malta. B'mod partikolari, il-Kunsill jisħaq fuq il-kliem "ħlief meta d-dewmien iseħħ mingħajr ebda ħtija tal-Kunsill rilevanti" li jinsabu f'dak l-artikolu u jgħid li t-terminu ta' sentejn mhuwiex wieħed tassattiv u wkoll li kien hemm raġunijiet tajbin li minħabba fihom kellu jirriżulta lill-ewwel Qorti li d-dewmien fl-għoti tad-deċiżjoni ma kienx jaħti

għalih il-Kunsill appellant. Biex isaħħaħ dan l-aggravju, il-Kunsill isemmi ċ-ċirkostanza li l-appellat dejjem kien ikun preżenti għall-każ tiegħu quddiem il-Kunsill u, minkejja li kien ikun mgħejjun minn avukat, qatt ma lmenta minn kemm kien qiegħed idum biex jingħalaq il-każ tiegħu. Il-Kunsill iqis li l-ilment tal-appellat f'din il-kawża tiegħu ma huwa xejn anqas minn "tentattiv konvenjenti" biex jeħles minn deċiżjoni skomda għalih li ma għoġbitux. Itemm jgħid li l-provi li l-Kunsill ressaq quddiem l-ewwel Qorti jixhdu li kien hemm raġunijiet tajbin li għalihom iż-żmien ta' sentejn li ssemmi l-liġi ma setgħux jitħarsu u liema provi, fuq kollox, l-appellat ma miera bl-ebda mod;

12. Illi l-appellat iwarrab dan l-aggravju billi, fl-ewwel lok, jgħid li dak li l-Kunsill qiegħed jitlob huwa li din il-Qorti terġa' tagħmel apprezzament mill-ġdid tal-provi li l-istess Kunsill kien ressaq quddiem l-ewwel Qorti. Huwa jisħaq li l-ewwel Qorti wettqet sewwa x-xogħol tagħha li tara u tiżen il-provi li kull parti ressqet u waslet għall-konklużjonijiet tajba li jsejsu s-sentenza appellata. Fit-tieni lok, l-appellat iressaq sensiela ta' fatti biex juru li d-dewmien biex ingħalaq il-każ tiegħu ma kienx għal raġuni tajba u lanqas għar-raġunijiet li jsemmi l-Kunsill. Fit-tielet lok, lanqas ma kien minnu li huwa ma ikkontestax il-provi mressqa mill-Kunsill u dan għamlu mhux biss fl-istadju tal-ġbir tal-provi, imma wkoll f'dak tat-trattazzjoni tal-għeluq tal-kawża bil-miktub qabel ma ngħatat is-sentenza appellata;

13. Illi din il-Qorti ttenni li meta jitqajjem quddiemha aggravju ta' appell li jolqot l-apprezzament tal-provi li jkun sar minn qorti tal-ewwel grad, hi tħares b'reqqa lejn l-istedina li tkun qiegħda ssirilha biex tagħmel il-valutazzjoni tagħha ta' dawk il-provi minflok dik tal-ewwel Qorti. Għalkemm din il-Qorti għandha tara u tifli dik il-valutazzjoni, m'għandhiex taqbad u twarrabha jekk ma jkunx hemm raġunijiet tabilħaqq serji biex tagħmel dan. Il-funzjoni ta' reviżjoni li trid tagħmel din il-Qorti ma jwasslux bilfors biex twarrab id-diskrezzjoni tal-eżerċizzju tal-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti bħallikieku ma sar xejn. Għall-kuntrarju, jekk jirriżulta li l-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti huwa wieħed sostnut mill-provi li jinsabu fl-atti, u li l-konklużjonijiet tas-sentenza appellata jkunu s-sinteżi tar-raġunament mibni fuq dawk il-provi u t-tħaddim xieraq tal-liġi dwarhom, din il-Qorti ma twaqqax dik diskrezzjoni;

14. Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, ħareġ ċar li l-kawżali ewlenija li fuqha l-appellat sejjes il-każ tiegħu hija dik marbuta maż-żmien li ttieħed sakemm l-inkjesta mnedija kontrih ingħalqet. L-ewwel Qorti qagħdet b'seba' għajnejn li żżomm ma' dawk il-parametri u, minkejja li tressqu quddiemha bosta provi, waslet għall-fehmiet tagħha fuq is-saħħa ta' provi pertinenti għal dik il-kwestjoni ewlenija. Din il-Qorti, bħall-ewwel Qorti, tasal biex taqbel li ż-żmien imsemmi fl-artikolu 31(4) tal-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa huwa wieħed mandatorju (kemm hu hekk, dak l-artikolu juża l-kliem "għandu jtemm l-inkjesta") u l-eċċezzjoni li

jippermetti titlob li jkun il-Kunsill li jrid iġib raġunijiet tajbin biex jiġġustifika għaliex ma jkunx għalaq l-inkjesta fiż-żmien preskritt;

15. Illi l-Qorti hija tal-fehma li ma tistax tlum lill-ewwel Qorti li wettqet apprezzament ħażin jew irraġonevoli meta waslet biex ma toqgħodx fuq iż-żewġ raġunijiet li l-Kunsill appellant ġab 'il quddiem biex jiġġustifika għaliex l-inkjesta ngħalqet wara s-sentejn. Kif sewwa jgħid l-appellat, bejn meta l-każ tiegħu tħalla *sine die* biex tkun tista' tingħata d-deċiżjoni u d-data meta ngħatat, kien il-Kunsill waħdu responsabbli minn dak li kien jew ma kienx qed isir. L-appellat ma kellu l-ebda ħtija f'dak li kien għaddej u lanqas dwar iċ-ċirkostanzi loġistiċi jew personali tal-membri tal-Kunsill. Lanqas ma kienet raġuni tajba li l-Kunsill jgħid li ma tax id-deċiżjoni għaliex, meta l-kwestjoni kienet maturata biex tingħata d-deċiżjoni, l-appellat kien f'nofs kampanja elettorali. Fl-ewwel lok, meta l-każ tħalla *sine die* biex tkun tista' tingħata d-deċiżjoni, kien għad fadal madwar sentejn u nofs qabel l-elezzjoni msemmija; fit-tieni lok, ma għandu jkun qatt li tribunal joqgħod iqis ċirkostanzi personali tal-persuni li jkollu jiddeċiedi dwarhom biex jara jekk huwiex żmien xieraq jew le li jagħti d-deċiżjoni tiegħu fil-każ tagħhom;

16. Illi għal dawn ir-raġunijiet, u billi l-Kunsill ma ressaq l-ebda raġuni oħra li din il-Qorti tista' tqisha, l-aggravju tal-Kunsill mhuwiex mistħoqq u mhux ser jintlaqa';

## B. L-Appell inċidentali tal-attur appellat

17. Illi min-naħa tiegħu, l-appellat ressaq **erba' aggravji** mis-sentenza appellata, għalkemm jaċċetta wkoll li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma. L-ewwel aggravju tiegħu hu dwar il-parti tas-sentenza appellata fejn l-intimati Prim Ministru, Avukat Ġenerali u l-Ministru nħelsu milli jibqgħu fil-kawża għaliex l-ewwel Qorti sabet li ma kinux il-kontradditturi leġittimi tal-azzjoni mibdija minnu. It-tieni aggravju tiegħu jikkonsisti mill-fat li l-ewwel Qorti messha sabet favurih mhux biss għaliex għaddew aktar minn sentejn biex il-Kunsill għalaq l-inkjesta tiegħu, imma għaliex fit-tmexxija tal-istess inkjesta ġarrab ksur ta' bosta jeddijiet fundamentali tiegħu. Għalhekk, fit-tielet aggravju tiegħu, l-appellat jilmenta talli l-ewwel Qorti astjeniet milli tqis it-talbiet tlieta sa sebgħa tiegħu li jitkellmu dwar dan l-allegat ksur ta' jeddijiet fundamentali. Fir-raba' aggravju tiegħu, l-appellat iressaq talba sussidjarja biex, f'każ li din il-Qorti ma tilqax xi waħda mill-ewwel żewġ talbiet tiegħu (billi tilqa' l-appell prinċipali), terġa' tibgħat l-atti lura lill-ewwel Qorti ħalli tingħata deċiżjoni dwar it-talbiet attriċi tlieta sa sebgħa u biex ma jintilifx il-benefiċċju tad-doppju eżami;

18. Illi għal dak li jirrigwarda l-**ewwel aggravju**, l-appellat jgħid li t-tliet intimati li nħelsu mill-ħarsien tal-ġudizzju – il-Prim Ministru, l-Avukat Ġenerali u l-Ministru – kien posthom fil-kawża tiegħu u l-ewwel Qorti ma

għamlitx sewwa li ħelsithom. Huwa jisħaq li l-preżenza tagħhom fil-kawża toħroġ mill-mod kif ressaq il-każ tiegħu u fil-qafas tat-talbiet li ntgħamlu, b'mod partikolari dawk marbuta ma' lmenti ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali. Iżid jgħid li l-President tal-Kunsill jinħatar direttament mill-Prim Ministru u l-Kunsill iwettaq il-funzjonijiet tiegħu taħt liġi li dwarha l-Ministru intimat huwa responsabbli. Minbarra dan, l-intimat Avukat Ġenerali jidher għall-iStat Malti f'każijiet dwar ilmenti ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali;

19. Illi l-Kunsill wieġeb xott xott għal dan l-aggravju billi qal li kien persważ li l-intimti interessati kienu se' jwieġbu huma kif imiss fir-Risposta tagħhom;

20. Illi l-intimati Prim Ministru, Avukat Ġenerali u Ministru tas-Saħħa laqgħu għal dan l-aggravju tal-appellat, wara li huma kienu ressqu Nota[8] biex jgħidu li ladarba l-Kunsill fl-appell prinċipali ma kienx appella minn dik il-parti ts-sentenza appellata li fiha nħelsu milli jibqgħu aktar fil-kawża, allura dik is-sentenza saret ġudikat fil-konfront tagħhom u għalhekk ma kellhomxgħalfejn iwieġbu għar-Rikors tal-Appell. Madankollu, mal-fatt li l-appellat ressaq l-appell inċidentali tiegħu, b'dan l-ewwel aggravju l-imsemmija intimati reġgħu ddaħħlu fix-xena. Huma jilqgħu għal dan l-aggravju billi jgħidu li l-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta

[8] Paġġ. 759 – 760 tal-proċess

jgħid min u meta jirrappreżenta lill-Gvern jew lill-awtorità pubblika. Fuq kollox, jgħidu li hija n-natura nnifisha tal-azzjoni li tiddetermina jekk huwiex posthom f'din il-kawża. Jisħqu li l-appellat jilminta mill-mod kif il-Kunsill mexa fl-inkjesta u mhux minn xiħaġa li għamlu jew naqsu li jagħmlu huma u għalhekk l-ewwel Qorti għamlet sewwa li ħelsithom;

21. Illi l-Qorti tqis li, qabel xejn, biex tirnexxi d-difiża li l-parti mħarrka f'kawża mhijiex il-kontradittriċi leġittima tal-parti attriċi, jeħtieġ li jintwera li ma jkunx hemm rapport ġuridiku bejn il-partijiet, kemm jekk dan ikun wieħed mibni fuq rabta kuntrattwali jew mod ieħor[9]. Għalkemm dan jista' jidher li jitlob mill-eċċipjenti l-prova ta' fatt negattiv, mhuwiex il-każ għaliex in-nuqqas ta' rabta ġuridika tal-parti mħarrka tista' tintwera bi provi (kemm orali u kif ukoll dokumentali) li juru s-swaba' lejn ħaddieħor li ma jkunx il-parti li teċepixxi li mhix il-kontradittriċi leġittima tal-azzjoni attriċi. Imbagħad, jaqa' fuq il-parti attriċi li tiġġustifika għaliex, minkejja dawk il-provi, xorta waħda l-parti eċċipjenti jmissha titqis bħala l-kontradittriċi leġittima tal-istess azzjoni;

22. Illi din il-Qorti tqis li l-azzjoni tal-appellat hija waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju. Huwa minnu li fiha daħħal talbiet li jirrigwardaw ilmenti ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali (u fuq dan il-Qorti sejra titkellem aktar 'il quddiem f'din is-sentenza), imma l-għan ewlieni tal-istess azzjoni huwa l-

[9] App. Inf. PS **9.4.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Focal Maritime Services Co Ltd vs Top Hat Co Ltd.***

impunjazzjoni tad-deċiżjoni meħuda mill-Kunsill. Fil-ġrajja kollha li matulha tmexxa l-każ tal-inkjesta kontra l-appellat, it-tliet intimati meħlusa ma daħlu bl-ebda mod u lanqas jista' l-appellat isemmi xi prova jew indizju li jista' jorbot dik id-deċiżjoni ma' xi sehem jew omissjoni ta' xi wieħed mill-intimati msemmija. Billi l-appellat jisħaq li huwa l-Prim Ministru li jaħtar lill-President tal-Kunsill, b'daqshekk ma jagħmlux il-kontradittur leġittimu tal-mod kif il-Kunsill jimxi: sakemm l-ilment li jitlob l-istħarriġ ma jkunx dwar is-siwi ta' dik il-ħatra jew jekk il-persuna maħtura hjiex waħda li saret skond il-liġi. Fil-każ tallum ma hemm xejn minn dan u għalhekk l-ewwel Qorti għamlet sewwa li ħelsithom mill-ħarsien tal-ġudizzju;

23. Illi minħabba f'hekk, l-ewwel aggravju tal-appellat mhux tajjeb u mhux sejjer jintlaqa';

24. Illi fir-rigward tat-**tieni aggravju**, l-appellat jilminta li l-ewwel Qorti ma kienx messha tilqa' l-ewwel żewġ talbiet tiegħu biss fuq il-kawżali li d-deċiżjoni tal-Kunsill ittieħdet wara ż-żmien li titlob il-liġi u li kienet *ultra vires* minħabba f'hekk, imma jgħid li messha qisithom fuq l-ilmenti l-oħrajn imsemmijin minnu fir-rikors promotur. Huwa jsejjes dan l-aggravju fuq ħames (5) ċirkostanzi li jqis li l-ewwel Qorti naqset li tikkunsidra. Dawn iċ-ċirkostanzi huma (i) li x-xilja kontrih quddiem il-Kunsill tressqet wara ż-żmien ta' sentejn li fih setgħet titressaq skond l-artikolu 31(2) tal-Kap 464; (ii) li d-deċiżjoni attakata ma kinitx tiswa għaliex ħaddmet sanzjoni li ma

kinitx teżisti fil-liġi ċitata fl-istess deċiżjoni (jiġifieri issemmiet liġi b'oħra); (iii) li s-sentenza appellata naqset tagħraf biżżejjed bejn il-funzjoni amministrattiva tiegħu u dik professjonali li taħtha biss messu kien investigat mill-Kunsill; (iv) li l-akkuża mressqa kontrih quddiem il-Kunsill kienet waħda ta' malafama, u li għalhekk ma kinitx materja li l-Kunsill kellu l-kompetenza jiddeċiedi dwarha skond il-liġi li twaqqaf taħtha; u (v) li fid-deċiżjoni attakkata l-Kunsill ta sanzjoni billi ħaddem liġi b'mod retrospettiv għal żmien ta' qabel ma kienet iddaħħlet fis-seħħ;

25. Illi dwar dan l-aggravju l-Kunsill jirribatti fit-tul billi jsemmi ċ-ċirkostanzi waħda waħda u jagħti l-verżjoni tiegħu dwarhom. Jgħid li lill-appellat investigah fiż-żmien u li l-investigazzjoni bdiha mill-ewwel u għarraf biha lill-appellat mill-ewwel. Fuq kollox, jisħaq li lill-appellat stħarrġu bħala tabib mediku u mhux bħala amministratur tal-isptar li kien imexxi, u tali stħarriġ sar fuq il-bażi tal-imġiba tiegħu fil-konfront ta' tabib mediku ieħor. Jiċħad li d-deċiżjoni tħaddem liġi li fiż-żmien li sar l-egħmil investigat ma kinitx għadha dħlet fis-seħħ: jgħid li s-sanzjoni li taħseb għaliha l-liġi u li ssemmiet fid-deċiżjoni attakkata tirreferi għal dak li jista' jiġrilu l-appellat f'każ li jonqos li jħallas il-multa inflitta fid-deċiżjoni attakkata;

26. Illi l-intimati appellati jwarrbu dan l-aggravju billi jgħidu li qajla wieħed jista' jifhem għalfejn tqajjem, ladarba s-sentenza appellata

laqgħet it-talbiet tiegħu f'dak ir-rigward. F'kull każ huma jirribattu ċ-ċirkostnzi msemijin minnu u jgħidu li din il-Qorti ma jmisshiex taċċettahom bħala raġuni ġdida jew miżjuda biex terġa' tasal għall-istess fehma li waslet fiha l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata;

27. Illi l-Qorti hija tal-fehma li dan l-aggravju x'aktarx huwa irritu għaliex jinbena fuq dak li s-sentenza appellata ma semmietx u fuq dak li ma kienx ir-raġuni mogħtija li twassal għall-parti operattivas tas-sentenza appellata. F'dak il-każ, il-liġi ma tagħtix li jsir appell minn dak li ma jkunx ġie deċiż fit-talbiet attriċi jew f'xi talba minnhom[10]. Minbarra dan, iċ-ċirkostanzi msemmijin f'dan l-aggravju kollha jirrigwardaw is-siwi tad-deċiżjoni attakkata. Il-fatt li l-ewwel Qorti waslet għall-fehma li tħassar id-deċiżjoni tal-Kunsill fuq il-kawżali taż-żmien li ttieħed biex tingħalaq l-inkjesta kontra l-appellat (li, wara kollox, kienet waħda mill-kawżali ewlenin li fuqha l-appellat sejjes il-kawża tiegħu) ma jfissirx li l-Qorti naqset li ma qagħditx tqis ukoll waħda waħda l-kawżali taċ-ċirkostanzi msemmijin f'dan l-aggravju. L-għan tal-ewwel żewġ talbiet attriċi kien li l-ewwel Qorti tistħarreġ is-siwi tad-deċiżjoni attakkata u ladarba dik il-Qorti waslet għal fehma dwar dawk it-talbiet taħt kawżali partikolari, ma kienx mistenni li toqgħod telabora wkoll fuq il-kawżali l-oħrajn;

[10] Ara art. 235 tal-Kap 12

28. Illi minbarra dan, kif sewwa jgħid il-Kunsill, l-appellat isemmi taħt dan l-aggravju argumenti li ma kien qajjem fl-ebda waqt matul is-smigħ tal-kawża fl-ewwel istanza. Dan mhux biss joħloq żvantaġġ lill-Kunsill, iżda juri li l-ewwel Qorti ma setgħetx tikkunsidra ċirkostanza li lanqas biss kienet tqajmet quddiemha;

29. Illi dan kollu jwassal lil din il-Qorti biex issib li lanqas dan l-aggravju ma jistħoqqlu jintlaqa';

30. Illi jmiss li l-Qorti tqis it-**tielet aggravju** li jitkellem fuq il-fatt li l-ewwel Qorti naqset li tqis it-talbiet attriċi numri tlieta sa sebgħa tar-Rikors Maħluf li bih l-appellat fetaħ din il-kawża. Huwa jgħid li, minkejja li l-ewwel Qorti għażlet li ma tikkunsidrax dawk it-talbiet, xorta waħda għabbietu bil-ħlas tal-ispejjeż marbuta magħhom daqslikieku kienet ċaħdithom, u b'hekk, minkejja li rebaħ il-kawża, se jispiċċa jkollu jerfa' l-ispejjeż ta' min kien jaħti għall-fatti li wassluh jgħaddi minn dak kollu li għadda;

31. Illi dwar dan l-aggravju l-Kunsill jgħid li għamlet sew l-ewwel Qorti li għażlet li ma tqisx dawk it-talbiet u għamlet sew aktar li tefgħet l-ispejjeż fuq min ressaqhom għalxejn. Il-Kunsill iqis li l-ewwel Qorti ħaddmet il-prinċipju li min jikriha joqgħod għaliha;

32. Illi l-intimati l-oħrajn jilqgħu għall-aggravju tal-appellat ftit jew wisq fuq l-istess linji tal-Kunsill;

33. Illi din il-Qorti jidhrilha li dan l-aggravju wkoll mhuwiex mistħoqq. Fl-ewwel lok, ittenni li l-azzjoni attriċi, hija fil-qofol tagħha, waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju. It-talbiet li dwarhom l-appellat isejjes dan l-aggravju tiegħu huma kollha talbiet li wieħed jagħmel fi proċedura ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali. Illum il-ġurnata huwa aċċettat illi għalkemm f'att li bih tinbeda kawża jsiru riferenzi għall-ksur ta' jeddijiet fundamentali, u għalkemm il-Qorti trid tħares id-drittijiet kollha magħduda dawk li jħarsu d-drittijiet fundamentali, xorta waħda tgħid li proċeduri li jinbdew quddiemha għandhom jitqiesu li huma proċeduri istitwiti taħt il-liġi ordinarja u mhux taħt il-proċedura li tirregola kawżi dwar drittijiet fundamentali tal-bniedem. Jingħad ukoll li azzjoni għal stħarriġ ġudizzjarju ma għandhiex tieħu l-post u lanqas titqies bħallikieku kienet azzjoni kostituzzjonali (jew konvenzjonali)[11]. Minbarra dan, ir-rimedju li jista' jingħata f'kawża kostituzzjonali jidher li jkun usa' minn dak li jista' jingħata lir-rikorrenti f'kawża bħal din, jiġifieri dik ta' stħarriġ ġudizzjarju;

34. Illi fit-tieni lok, il-Qrati wrew li huma disposti li jikkonsidraw ilmenti relatati mad-drittijiet fundamentali f'każ fejn m'hemmx rimedju ieħor. Is-setgħat li l-liġi tagħti lill-Qrati f'azzjonijiet bħal din iridu jitwettqu fil-

---

[11] P.A. GCD **5.03.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Ġanni Farruġia et vs. Il-Kummissarju tal-Artijiet***

parametri preċiżi li tistabilixxi l-liġi speċjali. Min-naħa l-oħra, fejn din il-Qorti tissejjaħ biex twettaq is-setgħa tagħha li tistħarreġ għemil ta' xi awtorità pubblika, u x'aktarx minħabba li dan l-istħarriġ huwa r-rimedju waħdieni li jingħata lil min iħossu mġarrab b'dak l-għemil, din għandha twettaqha safejn possibbli u safejn il-liġi ma teskludihiex milli tindaħal, u għandha tagħti lill-esklużjoni tifsira mill-idjaq kontra li terħi milli twettaq is-setgħat tagħha[12];

35. Illi fit-tielet lok, il-Qorti tqis li l-azzjoni "ordinarja" ta' stħarriġ ġudizzjarju u dik straordinarja ta' lment dwar ksur ta' jedd fundamentali ma jmorrux flimkien. Il-Qrati tagħna diġa' stħarrġu l-kwestjoni u kienu ġeneralment ċari dwarha[13]. Din il-Qorti għalhekk tifhem li l-ewwel Qorti għamlet sewwa li ma qisitx l-imsemmija talbiet, u forsi bla ma qalitha, kienet qed tifhem li dawk it-talbiet ma kienx posthom hemm. Għalhekk, din il-Qorti ssib li meta l-ewwel Qortirabtet lill-appellat bl-ispejjeż ta' dawk it-talbiet, kienet qiegħda tagħmel dak li kellu jsir, b'mod partikolari fejn parti f'kawża tressaq talbiet li ma kinux meħtieġa fl-għamla ta' kawża li fiha jitressqu[14];

36. Illi għal dak li jirrigwarda r-**raba' aggravju** huwa ċar li ladarba din il-Qorti mhix se tilqa' l-appell prinċipali tal-Kunsill intimat, dan ifisser li l-

[12] App. Ċiv. **30.11.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Sammut noe et vs Kontrollur tad-Dwana*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.377**)
[13] Ara. Kost **18.9.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Christopher Hall vs Direttur tad-Dipartiment Għall-Akkomodazzjoni Soċjali et***
[14] App. Ċiv. **5.6.1967** fil-kawża fl-ismijiet ***Scicluna vs Meli et*** (Kollez. Vol: **LI.i.365**)

ewwel żewġ talbiet milqugħa mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, u fil-limiti li ntlaqgħu, se jkunu konfermati. Minħabba f'hekk, din il-Qorti ma tara l-ebda ħtieġa biex tqis aktar dan l-aggravju u wisq anqas li tikkunsidra li tagħti provvediment biex l-atti tal-kawża jerġgħu jintbagħtu lill-ewwel Qorti biex tiddeċiedi fuq it-talbiet attriċi li minnhom astjeniet milli tieħu konjizzjoni. Dan jingħad ukoll għaliex kien l-appellat innifsu li ressaq dan l-aggravju fuq il-kundizzjoni li jridu jkun ċċaħdu l-ewwel żewġ talbiet tiegħu. Minbarra dan, il-Qorti ma jidhrilhiex li, għar-raġunijiet mogħtijin minnha aktar qabel waqt li kienet qiegħda tqis it-tielet aggravju tal-appell inċidentali[15], jmissu jinfetaħ id-dibattitu tal-ilmenti ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali mġarrba mill-appellat f'kawża bħal din ta' stħarriġ ġudizzjarju. Il-jeddijiet tal-appellat f'dan ir-rigward jibqgħu bla mittiefsa *si et quatenus* sakemm isiru bil-proċeduri xierqa f'każijiet bħal dawn;

37. Illi għalhekk lanqas dan l-aggravju ma jistħoqqlu jintlaqa';

***Decide***

38. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-appell prinċipali** mressaq mill-Kunsill appellant mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' April, 2014, fil-kawża fl-ismijiet premessi;

---

[15] §§ 33 – 5 *ante*

**Tiċħad l-appell inċidentali** mressaq mill-attur appellat mill-istess sentenza; u

Għalhekk, **tikkonferma** għal kollox l-imsemmija sentenza, bl-**ispejjeż ta' din l-istanza** jitħallsu mill-Kunsill appellant safejn jirrigwarda l-appell prinċipali u mill-attur appellat safejn jirrigwarda l-appell inċidentali, filwaqt li dawk tal-ewwel istanza jibqgħu kif deċiżi fis-sentenza appellata.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb